31984L0253

IT-TMIEN DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tal-10 ta' April 1984
bażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar l-approvazzjoni ta' persuni responsabbli biex iwettqu l-verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet

(84/253/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 54(3)(ġ) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

li kunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi, skond id-Direttiva 78/660/KEE [4], il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji għandhom jkunu verifikati minn wieħed jew aktar persuni intitolati li jwettqu verifiki bħal dawn li minnhom il-kumpanniji biss imsemmija fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva jistgħu ikunu eżentati;

Billi d-Direttiva msemmija qabel ġiet supplimentata bid-Direttiva 83/349/KEE [5] dwar kontijiet konsolidati;

Billi l-kwalifiki ta' persuni intitolati li jwettqu l-verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet għandhom ikunu armonizzati; billi għandu ikun żgurat li dawn il-persuni għandhom ikunu indipendenti u ta' reputazzjoni tajba;

Billi l-livell għoli ta' tagħrif teoretiku meħtieġ għall-verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet u l-abilità biex ikun applikat dak it-tagħrif fil-prattika għandhom ikunu żgurati permezz ta' eżami ta' kompetenza professjonali;

Billi l-Istati Membri għandhom ikunu mogħtija l-poter li japprovaw persuni li, filwaqt li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet kollha imposti dwar it-taħriġ teoretiku, madankollu jkunu wettqu attivitajiet professjonali għal żmien twil, u b' hekk għandhom esperjenza biżżejjed fl-oqsma ta' finanzi, liġi u kontijiet u jkunu għaddew l-eżami ta' kompetenza professjonali;

Billi l-Istati Membri għandhom ikunu wkoll awtorizzati biex jadottaw dispożizzjonijiet transitorji għall-benefiċċju ta' persuni professjonisti;.

---

(1) ĠU C 112, tat-13.5.1978, p. 6; ĠU C 317, tat-18.12.1975, p. 6.
(2) ĠU C 140, tal-5.6.1979, p. 154.
(3) ĠU C 171, tad-9.7.1979, p. 30.
(4) ĠU L 222, ta' l-14.8.1978, p. 11
(5) ĠU L 193, tat-18.7.1983, p. 1

Billi l-Istati Membri jkunu jistgħu japprovaw kemm persuni naturali u kemm ditti ta' awdituri li jistgħu jkunu persuni ġuridiċi u tipi oħra ta' kumpanniji, ditti jew soċjetajiet;

Billi persuni naturali li jwettqu verifiki statutorji ta' dokumenti ta' kontijiet f'isem gruppi ta' awdituri bħal dawn għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

Billi Stat Membru jkun jista' japprova persuni li kisbu kwalifiki barra dak l-Istat li huma ekwivalenti minn dawk meħtieġa minn din id-Direttiva;

Billi Stat Membru li, meta din id-Direttiva tkun adottata, jirrikonoxxi kategoriji ta' persuni naturali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imposti minn din id-Direttiva, imma li l-livell ta' eżaminazzjoni u kompetenza professjonali tagħhom hi inqas minn dik ta' eżami ta' università ta' livell finali, għandhom jitħallew ikomplu, taħt ċerti kondizzjonijiet u sakemm jibqa' jkun hemm kordinazzjoni, jagħtu lil dawn il-persuni approvazzjoni speċjali bl-iskop li jwettqu l-verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet ta' kumpanniji u korpi ta' intrapriżi, ta' daqs limitat, meta dak l-Istat Membru ma jkunx għamel użu mill-possibiltajiet ta' eżenzjoni permessi minn Direttivi tal-Komunità dwar il-preparazzjoni ta' kontijiet konsolidati;

Billi din id-Direttiva ma tkoprix la d-dritt ta' l-istabbiliment u lanqas il-libertà li jingħataw servizzi fir-rigward ta' persuni responsabbli biex iwettqu l-verifiki statutorji dwar dokumenti ta' kontijiet;

Billi għarfien ta' l-approvazzjoni mogħtija lil ċittadini ta' Stati Membri oħra bl-iskop li jwettqu dawn il-verifiki ikun speċifikament regolat minn Direttivi dwar l-adozzjoni u l-insegwiment ta' attivitajiet fl-oqsma ta' finanzi, ekonomija u kontijiet, kif ukoll dwar il-libertà ta' l-għoti ta' servizzi f' dawk l-oqsma,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

TAQSIMA I

Skop

Artikolu 1

1. Il-miżuri ta' kordinazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar persuni responsabbli għal:

(a) twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet annwali ta' kumpanniji u ditti u verifika li r-rapporti annwali huma konsistenti ma' dawk il-kontijiet annwali sa fejn dawn il-verifiki u din il-verifika huma meħtieġa mil-liġi tal-Komunità;

(b) twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet konsolidati ta' korpi ta' intrapriżi u verifiki li r-rapporti annwali konsolidati huma konsistenti ma' dawk il-kontijiet konsolidati sa fejn dawn il-verifiki u din il-verifika huma meħtieġa mil-liġi tal-Komunità;

2. Il-persuni msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu, skond il-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru, jkunu persuni naturali jew ġuridiċi jew tipi oħra ta' kumpanniji, ditti jew soċjetajiet (gruppi ta' awdituri kif definit f'din id-Direttiva).

TAQSIMA II

Regoli dwar approvazzjoni

Artikolu 2

1. Verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet imsemmijin f' l-Artikolu 1(1) għandhom ikunu mwettqa biss minn persuni approvati.

L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jistgħu japprovaw biss:

(a) persuni naturali li jissodisfaw ta' l-anqas il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 3 sa 19;

(b) gruppi ta' awdituri li jissodisfaw ta' l-anqas il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-persuni naturali li jwettqu verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 f'isem gruppi ta' awdituri għandhom jissodisfaw ta' l-anqas il-kondizzjonijiet imposti f'L-Artikoli 3 sa 19; l-Istati Membri jistgħu jiddisponu li dawn il-persuni naturali għandhom wkoll ikunu approvati;

(ii) għandu ikun hemm maġġoranza tad-drittijiet għal-vot minn persuni naturali jew gruppi ta' awdituri li jissodisfaw ta' l-anqas il-kondizzjonijiet imposti f'L-Artikoli 3 sa 19 bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 11(1)(b); l-Istati Membri jistgħu jiddisponu li dawn il-persuni naturali jew gruppi ta' awdituri għandhom wkoll ikunu approvati. Madankollu, dawk l-Istati Membri li ma jimponux din il-maġġoranza fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva m' għandhomx għalfejn jimponuha basta l-ishma kollha fi grupp ta' awdituri huma reġistrati u

jistgħu ikunu trasferiti biss bil-ftehim tal-grupp ta' l-awdituri u/jew, meta l-Istat Membru hekk jiddisponi, bl-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti.

(iii) maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv jew tmexxija ta' ditta ta' awdituri għandhom ikunu persuni naturali jew ditta ta' awdituri li jissodisfaw ta' l-anqas il-kondizzjonijiet imposti fl-Artikoli 3 sa 19; l-Istati Membri jistgħu jiddisponu li dawn il-persuni naturali jew ditti ta' awdituri għandhom ikunu wkoll approvati. Meta dan il-korp m'għandux aktar minn żewġ membri, wieħed minn dawk il-membri għandu jissodisfa ta' l-anqas dawk il-kondizzjonijiet.

Bla ħsara għall-Artikolu 14(2), l-approvazzjoni ta' ditta ta' awdituri għandha tkun irtirata meta xi kondizzjoni imposta f' (b) ma tkunx imħarsa aktar. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jiddisponu għal perjodu ta' grazzja ta' mhux aktar minn sentejn bl-iskop li ikunu mħarsa l-ħtiġijiet imposti f' (b) (ii) u (iii).

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jistgħu jkunu assoċjazzjonijiet professjonali dejjem jekk huma awtorizzati mil-liġi nazzjonali biex jagħtu approvazzjoni kif imfissra f'din id-Direttiva.

Artikolu 3

L-awtoritajiet ta' Stat Membru għandhom jagħtu approvazzjoni biss lil persuni ta' reputazzjoni tajba li mhux qed iwettqu xi attività li mhux kompatibbli, skond il-liġi ta' dak l-Istat Membru, mal-verifika statutorja tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 4

Persuna naturali tista' tkun approvata biex twettaq verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) biss wara li tkun kisbet livell ta' dħul f' università, imbagħad spiċċat kors ta' struzzjoni teoretika, għamlet taħriġ prattiku u għaddiet eżami ta' kompetenza professjonali ta' livell universitarju finali organizzat jew rikonoxxut mill-Istat.

Artikolu 5

L-eżami ta' kompetenza professjonali msemmija fl-Artikolu 4 għandha tiggarantixxi l-livell neċessarju ta' tagħrif teoretiku ta' suġġetti rilevanti għall-verifika statutorja tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 1(1) u l-ħila li tapplika dak it-tagħrif fil-prattika.

Parti ta' l-anqas minn dik l-eżami għandha tkun bil-miktub.

Artikolu 6

It-test tat-tagħrif teoretiku inkluż fl-eżami għandu ikopri s-suġġetti li ġejjin b'mod partikolari:

(a) — verifika,

— analiżi u eżami kritiku ta' kontijiet annwali,

— kontijiet ġenerali,

— kontijiet konsolidati,

— kontijiet ta' spejjeż u tmexxija,

— verifika interna,

— *standards* li għandhom x' jaqsmu mal-preparazzjoni ta' kontijiet annwali u konsolidati u mal-metodi ta' valutazzjoni ta' affarijiet li għandhom x' jaqsmu mal-karta tal-bilanċ u ta' kif jinħadmu l-qliegħ u t-telf.

— *standards* legali u professjonali li għandhom x'jaqsmu mal-verifika statutorja ta' dokumenti dwar kontijiet u ma' dawk li jwettqu dik il-verifika;

(b) sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-verifiki:

— il-liġi dwar il-kumpanniji,

— il-liġi dwar fallimenti u proċeduri simili,

— il-liġi dwar it-taxxa,

— il-liġi ċivili u kummerċjali,

— il-liġi dwar is-sigurtà soċjali u l-liġi dwar l-impiegi,

— is-sistemi ta' informazzjoni u kompjuter,

— il-kummerċ, l-ekonomija ġenerali u finanzjarja,

— il-matematika u l-istatistika,

— il-prinċipji bażiċi ta' tmexxija finanzjarja ta' intrapriżi.

Artikolu 7

1. B'deroga mill-Artikoli 5 u 6, Stat Membru jista' jiddisponi li persuna li għaddiet eżami ta' università jew ekwivalenti jew għandha grad mill-università jew kwalifika ekwivalenti f'wieħed jew aktar mis-suġġetti msemmijin fl-Artikolu 6 tista' tiġi eżentata mit-test tat-tagħrif teoretiku fis-suġġetti koperti minn dak l-eżami jew grad.

2. B'deroga mill-Artikolu 5, Stat Membru jista' jiddisponi li minn għandu grad universitarju jew kwalifika ekwivalenti f'wieħed jew aktar mis-suġġetti msemmijin fl-Artikolu 6 jista' jkun eżentat mit-test dwar il-ħila li japplika fil-prattika it-tagħrif teoretiku tiegħu ta'

dawk is-suġġetti meta jkun ħa taħriġ prattiku fihom affermat minn eżami jew diploma magħrufa mill-Istat.

Artikolu 8

1. Sabiex tkun żgurata l-ħila li wieħed japplika t-tagħrif teoretiku fil-prattika, li test dwaru hu inkluż fl-eżami, dak li qed jitħarreġ għandu jagħmel mill-inqas tlett snin ta' taħriġ prattiku ta' fost oħrajn il-verifika tal-kontijiet annwali, tal-kontijiet konsolidati jew ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji bħal dawn. Ta' lanqas żewġ terzi ta' dak it-taħriġ prattiku għandhom ikunu saru taħt persuna approvata skond il-liġi ta' l-Istat Membru skond din id-Direttiva; l-Istat Membru għandu, madankollu, jippermetti li taħriġ prattiku jkun imwettaq taħt persuna approvata mil-liġi ta' Stat Membru ieħor skond din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-taħriġ ikun imwettaq taħt persuni li jagħtu garanziji adegwati dwar taħriġ.

Artikolu 9

L-Istati Membri jistgħu jappruvaw persuni biex iwettqu verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) anke jekk ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet imposti fl-Artikolu 4, jekk jistgħu juru jew:

(a) li huma,għal 15-il sena, kienu involuti f'attivitajiet professjonali li permettewlhom jakkwistaw esperjenza biżżejjed fl-oqsma tal-finanzi, liġi u kontijiet u għaddew mill-eżami ta' kompetenza professjonali msemmi fl-Artikolu 4, jew

(b) li għal seba' snin, kienu involuti f'attivitajiet professjonali f'dawk l-oqsma u,barra minn hekk, ħadu t-taħriġ prattiku msemmi fl-Artikolu 8 u għaddew mill-eżami ta' kompetenza professjonali msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu perjodi ta' istruzzjoni teoretika fl-oqsma msemmijin fl-Artikolu 6 mis-snin ta' attività professjonali msemmijin fl-Artikolu 9, dejjem jekk dik l-istruzzjoni hi affermata minn eżami magħrufa minn dak l-Istat. Dik l-istruzzjoni ma għandhiex tkun ta' inqas minn sena, u lanqas ma tista' tnaqqas il-perjodu ta' attività professjonali b'aktar minn erba' snin.

2. Il-perjodu ta' attività professjonali kif ukoll it-taħriġ prattiku ma' għandhomx ikunu iqsar mill-programm ta' istruzzjoni teoretika u t-taħriġ prattiku meħtieġa mill-Artikolu 4.

Artikolu 11

1. L-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu japprovaw persuni li kisbu l-kwalifiki kollha tagħhom, jew parti minnhom, fi Stat ieħor dejjem jekk jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-kwalifiki tagħhom bħala ekwivalenti għal dawk meħtieġa taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru skond id-Direttiva; u

(b) għandhom jkunu taw prova tat-tagħrif legali meħtieġ f'dak l-Istat Membru għall-iskopijiet tal-verifika statutorja ta' dokumenti dwar kontijiet imsemmijin f'L-Artikoli 1(1). L-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru m'għandhomx, madankollu, jeħtieġu din il-prova meta jikkunsidraw it-tagħrif legali miksub fi Stat ieħor suffiċjenti.

2. L-Artikolu 3 għandu japplika.

Artikolu 12

1. Stat Membru jista' jikkunsidra li jkunu approvati, skond din id-Direttiva, dawk il-persuni professjonisti li kienu approvati minn atti individwali ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2).

2. Id-dħul ta' persuna naturali f'assoċjazzjoni professjonali magħrufa mill-Istat fejn, skond il-liġi ta' dak l-Istat, dak id-dħul jagħti lill-membri ta' dik l-assoċjazzjoni id-dritt li jwettqu verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1), jistgħu jkunu meqjusa bħala approvazzjoni ta' att individwali għall-iskopijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 13

Sa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30 (2), Stat Membru jista' jikkunsidra approvati, skond din id-Direttiva, dawk il-persuni professjonisti li ma ġewx approvati minn atti individwali ta' l-awtoritajiet kompetenti iżda li minkejja

dan għandhom l-istess kwalifiki f'dak l-Istat Membru bħala persuni approvati minn atti individwali li fid-data ta' l-approvazzjoni qed iwettqu verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) f' isem dawk il-persuni approvati.

Artikolu 14

1. Stat Membru jista' jikkunsidra li jkunu approvati, skond din id-Direttiva, dawk id-ditti ta' awdituri li kienu approvati minn atti individwali ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin f' l-Artikolu 30(2).

2. Il-kondizzjonijiet imposti fl-Artikolu 2(1)(b) (ii) u (iii) għandhom jkunu mħarsa mhux aktar tard mill-aħħar ta' perjodu li ma jistax ikun stabbilit għal aktar minn ħames snin mid-data ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2).

3. Dawk il-persuni naturali li, sa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2), wettqu verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) fl-isem ta' ditta ta' awdituri jistgħu, wara dik id-data, jkunu awtorizzati li jkomplu jagħmlu hekk anke jekk ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet kollha imposti minn din id-Direttiva.

Artikolu 15

Sa sena wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu30 (2), dawk il-persuni professjonisti li ma ġewx approvati minn atti individwali ta' l-awtoritajiet kompetenti imma li minkejja dan huma kwalifikati fi Stat Membru biex iwettqu verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) u fil-fatt wettqu dawk l-attivitajiet sa dik id-data jistgħu ikunu approvati minn dak l-Istat Membru skond din id-Direttiva.

Artikolu 16

Sa sena wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2), Stati Membri jistgħu japplikaw miżuri transitorji fir-rigward ta' persuni professjonisti li, wara dik id-data, jżommu d-dritt li jivverifikaw id-dokumenti annwali dwar kontijiet ta' ċerti tipi ta' kumpanniji jew ditti mhux suġġetti għal verifika statutorja imma li ma jkunux aktar jistgħu jwettqu dawk il-verifiki ma' l-introduzzjoni ta' verifiki ġodda tal-kontijiet sakemm ma johorġux miżuri speċjali għall-benefiċċju tagħhom.

Artikolu 17

L-Artikolu 3 għandu japplika għall-Artikoli 15 u 16.

Artikolu 18

1. Sa sitt snin wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2), l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri transitorji fir-rigward ta' persuni li diġà qed jieħdu taħriġ professjonali jew prattiku meta dawk id-dispożizzjonijiet huma applikati li, meta jtemmu t-taħriġ tagħhom, ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet imposti minn din id-Direttiva u li għalhekk ma jkunux jistgħu jwettqu verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) li għalihom ġew imħarrġa.

2. L-Artikolu 3 għandu japplika.

Artikolu 19

L-ebda wieħed mill-persuni professjonisti msemmijin f' l-Artikoli 15 u 16 jew minn dawk il-persuni msemmijin fl-Artikolu 18 ma jistgħu ikunu approvati b'deroga mill-Artikolu 4 sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jikkunsidrawx li huma tajbin biex iwettqu verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) u li għandhom kwalifiki ekwivalenti għal dawk ta' persuni approvati skond l-Artikolu 4.

Artikolu 20

Stat Membru li ma jagħmilx użu mill-possibiltà prevista fl-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 78/660/KEE u li fih, fil-ħin meta kienet adottata din id-Direttiva, ħafna kategoriji ta' persuni naturali jistgħu, skond leġiżlazzjoni nazzjonali, jwettqu verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1)(a) ta' din id-Direttiva, jistgħu, sa fejn ikun hemm kordinazzjoni sussegwenti tal-verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet, japprovaw speċjalment, bl-iskop li jkunu mwettqa verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(a) fil-każ ta' kumpannija li ma teċċedix il-limitu ta' tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE, persuni naturali li jaġixxu f'isimhom, li:

(a) jissodisfaw il-kondizzjonijiet imposti fl-Artikoli 3 sa 19 ta' din id-Direttiva ħlief jekk il-livell ta' l-eżami tal-kompetenza professjonali jista' jkun aktar baxx minn dak meħtieġ fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva; u

(b) diġà wettqu l-verifika statutorja tal-kumpannija in-kwistjoni qabel ma eċċediet il-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 78/660/KEE.

Madankollu, jekk kumpannija tifforma parti minn korp ta' intrapriżi li għandhom jiġu konsolidati li jeċċedu l-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE, dawn il-persuni ma jistgħux iwettqu l-verifika statutorja tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1)(a) ta' din id-Direttiva fil-każ ta' dik il-kumpannija.

Artikolu 21

Stat Membru li ma jagħmilx użu mill-possibiltà prevista fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 83/349/KEE u li fih, fil-ħin meta tkun adottata din id-Direttiva, ħafna kategoriji ta' persuni naturali jistgħu, skond leġiżlazzjoni nazzjonali, jwettqu verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1)(b) ta' din id-Direttiva, jistgħu, sa fejn ikun hemm kordinazzjoni sussegwenti tal-verifiki statutorji ta' dokumenti dwar kontijiet, japprovaw speċjalment, bl-iskop li jkunu mwettqa verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1)(b), persuna approvata skond l-Artikolu 20 ta' din id-Direttiva jekk fid-data tal-karta tal-bilanċ ta' l-intrapriża omm, il-korp ta' intrapriżi li għandhom ikunu konsolidati ma jeċċedix, fuq il-bażi ta' l-aħħar kontijiet annwali ta' dawk l-intrapriżi, l-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE, dejjem jekk għandu l-poter iwettaq il-verifika statutorja tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1)(a) ta' din id-Direttiva, ta' l-intrapriżi kollha inklużi fil-konsolidazzjoni.

Artikolu 22

Stat Membru li jagħmel użu mill-Artikolu 20 jista' jippermetti t-taħriġ prattiku tal-persuni konċernati msemmijin fl-Artikolu 8 li jitkompla taħt persuna li ġiet approvata skond il-liġi ta' dak l-Istat Membru biex iwettaq il-verifiki statutorji msemmijin fl-Artikolu 20.

TAQSIMA III

Integrità professjonali u indipendenza

Artikolu 23

Stati Membri għandhom jippreskrivu li persuni approvati biex iwettqu l-verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) għandhom iwettqu dawn il-verifiki b'integrità professjonali.

Artikolu 24

Stati Membri għandhom jippreskrivu li dawn il-persuni m'għandhomx iwettqu verifiki statutorji li kienu jinħtieġu jekk dawn il-persuni ma jkunux indipendenti skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jeħtieġ il-verifika.

Artikolu 25

L-Artikoli 23 u 24 għandhom japplikaw ukoll għal persuni naturali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imposti fl-Artikoli 3 sa 19 u li jwettqu verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) f' isem ditta ta' awdituri.

Artikolu 26

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni approvati jkunu suġġetti għal sanzjonijiet xierqa meta ma jwettqux il-verifiki skond l-Artikoli 23, 24 u 25.

Artikolu 27

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ta' l-anqas li l-membri u l-azzjonisti ta' ditti approvati ta' awdituri u l-membri tal-korpi amministrattivi, ta' tmexxija u ta' sorveljanza ta' dawn id-ditti li personalment ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 3 sa 19 fi Stat Membru partikolari ma jindaħlux fl-esekuzzjoni ta' verifiki tal-kontijiet f'xi mod li jipperikola l-indipendenza tal-persuni naturali li jivverifikaw id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) f' isem dawk id-ditti ta' awdituri.

TAQSIMA IV

Pubblikità

Artikolu 28

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-ismijiet u l-indirizzi kollha tal-persuni naturali u tad-ditti ta' awdituri approvati minnhom li jwettqu verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) ikunu magħmula disponibbli għall-pubbliku.

2. Barra minn hekk, dawn li ġejjin għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fir-rigward ta' kull ditta approvata ta' awdituri:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni naturali msemmijin fl-Artikolu 2(1)(b) (i); u

(b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri jew azzjonisti tad-ditta ta' awdituri;

(ċ) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri tal-korp amministrattiv jew ta' tmexxija tad-ditta ta' awdituri.

3. Meta persuna naturali titħalla twettaq verifiki statutorji tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) fil-każ ta' kumpannija skond il-kondizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 20, 21 u 22, il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika. Il-kategorija ta' kumpanniji jew ditti jew il-korpi ta' intrapriżi li għalihom titħalla ssir verifika bħal din għandha, madankollu, tkun indikata.

TAQSIMA V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 29

Il-Kumitat ta' Kuntatt stabbilit bl-Artikolu 52 tad-Direttiva 78/660/KEE għandu wkoll:

(a) jiffaċilita, bla ħsara għall-Artikoli 169 u 170 tat-Trattat, l-applikazzjoni armonizzata ta' din id-Direttiva permezz ta' laqgħat regolari li jittrattaw b'mod partikolari, il-problemi prattiċi li jqumu in-konnessjoni ma' l-applikazzjoni tagħha;

(b) jagħti parir lill-Kummissjoni, jekk meħtieġ, dwar żidiet jew emendi għal din id-Direttiva.

Artikolu 30

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 1988 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għalihom biex iħarsu din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummisjoni b'dan.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddisponu li d-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw sa l-1 ta' Jannar 1990.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali ta' liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jikkomunikaw, lill-Kummissjoni, listi ta' l-eżamijiet organizzati jew rikonoxxuti skond l-Artikolu 4.

Artikolu 31

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-10 ta' April 1984.

Għall-Kunsill

Il-President

C. CHEYSSON